# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgha, 16 ta' Marzu, 2022

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 67/2021 ISB**

**Mahboob Ahmed Peracha (Passaport Pakistan) AG3967232 ġja azzjonist u ġja direttur tas-soċjeta' Endure Limited (C 71118)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Mahboob Ahmed Peracha (Passaport Pakistan) AG3967232 ġja azzjonist u ġja direttur tas-soċjeta' Endure Limited (C 71118)**, pprezentat fit-23 ta' Awissu 2021, li permezz tieghu huwa jsostni hekk:

*1. Illi l-esponent huwa azzjonist u sid aħħari tas-soċjeta' Endure Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 71118 u reġistrata fl-indirizz 4 You Apartments, Unit2, Tower Road tas-Sliema, Malta.*

*2. Illi ai termini tal-artiklu 325(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li l-esponent beda l-proċess sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu billi ssottometta l-annual return pendenti, l-intimat bagħat ittra datata 7 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha avża lid-direttur, u cioe l-esponent Mahboob Ahmed Peracha, tas-soċjeta' Endure Limited li s-soċjeta' kienet naqset milli tirreġistra dokumenti oħra rilevanti ma' l-istess kumpanija u għalhekk l-intimat ma setgħax jirreġistra l-annual return sottomett mil-espnonent (ittra hawn annessa u mmarkata bhala* ***'Dok A'****).*

*3. Illi fl-10 ta' Mejju 2021, l-esponent Mahboob Ahmed Peracha bħala direttur tas-soċjeta' Endure Limited trammitte l-kumpanija Fairwinds Management Limited, daħal f'komunikazzjoni mar-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex iħallas l-ammont ta' penali dovuti b'mod sħiħ u jissottometti kwalkunkwe dokumenti nieqsa fir-rigward tas-soċjeta' Endure Limited (ara skambji ta' emails kollettivament hawn annessi u mmarkati bhala* ***Dok B****)*

*4.Illi l-esponent Mahboob Ahmed Peracha irċieva risposta għall-korrispondenza tiegħu hawn fuq imsemmija mir-Reġistru tal-Kumpanniji fi 27 ta' Lulju 2021, fejn r-Reġistru tal-Kumpanniji ikkonfermaw illi l-penali u pagamenti dovuti jammontaw għas-somma ta' sitt t'elef erbgħa mija u wieħed u sebgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€6471.50).*

*5. Illi l-esponent huwa dispost li jieħu kwalunkwe azzjoni meħtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni.*

*6. Illi l-esponent Mahboob Ahmed Peracha qabel ma dan l-ammont dovut f'penali u qiegħed jikkonferma lil din l-Onorabbli Qorti li huwa*

*kommess li jħallas dan l ammont dovut fit-totalita tiegħu sabiex jitneħħa x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta' Endure Limited.*

*7.Illi jekk is-soċjeta' Endure Limited ma terġax titqiegħed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, l-esponent ser isofri danni irreparabbli billi ha tippreġudika serjament u b'mod irremedjabbli l-operat tas-soċjeta'.*

*Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment opportun ieħor, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex a tenur tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*I. Jerġa minnufih idaħħal l-isem tas-soċjeta' Endure Limited (C 71118) fir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex b'hekk l-istess soċjeta' titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma ġietx imħassra; u*

*II. Jagħmel dawk il-pubblikażżjonijiet u annotazzjonijiet u jieħu dawk il-miżuri kollha meħtiega a tenur tal-Liġijiet relattivi għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpanniji skont il-liġi.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 4 sa fol 14).

Rat **id-digriet** taghha tal-1 ta' Ottubru 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2021 fl-12:00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-7 ta' Ottubru 2021 (ara tergo ta` fol 16).

Rat illi fil-25 ta' Ottubru 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 20) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Endure Limited (C 71118) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit- 18 ta' Ġunju 2015;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali u l-informazzjoni fuq is-sidien benefiċjarji lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2017 u l-aħħar prospett annwali kien tas-sena 2016;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba l-informazzjoni fuq is-sidien benefiċjari ma tiġix sottomessa;*

*Illi r-Reġistratur bagħat avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'****, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha 4, You Apartments, Unit 2, Tower Road, Sliema kif ukoll lill-unika direttur taghħa, fl-istess indirizz Mahboob Ahmed Peracha nhar l-1 ta' Diċembru 2020;*

*Illi fit- 18 ta' Jannar 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fid- 19 ta' April, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi r-Reġistratur jikkonferma illi l-esponent tramite Fairwinds Management Limited issottometta l-prospetti annwali tas-snin 2017-2020 flimkien mal-ammont dovut għar-reġistrazzjoni tagħhom. Ir-*

*rikorrent issottometta wkoll id-dokumenti bl-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji u obbliga ruħu illi ser iġib il-kontijiet annwali sal-aħħar ta' Ottubru. Illi r-rikorrent jonqsu jissottometti l-prospett annwali tas-sena 2021 flimkien ma' EUR 600 għar-reġistrazzjoni tiegħu kif ukoll il-ħlas tal-penali li kienu dovuti għan-nuqqas ta' sottomissjoni tal-kontijiet annwali, prospetti annwali u l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tal-kumpanija li jammontaw għall-EUR 7,424.50. Għalhekk l-ammont totali dovut lir-Reġistratur huwa* ***EUR 8,024.50****.*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur ma jsib ebda oġġezzjoni illi tali kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru jixtieq illi l-penali jiġu mħallsa u l-kontijiet annwali jiġu sottomessi u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.*

*Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, deher l-Avukat Adrian Sciberras ghar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi f'dik l-udjenza d-difensur tar-rikorrent iddikjara illi r-ikorrent gja kien rregolarizza certu lanjanzi izda kien jonqos ftit taz-zmien sabiex jithallsu l-penalitajiet u jigu sottomessi l-accounts.

Rat l-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Jannar 2022, minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi <u>kollha</u> tas-socjeta` Endure Limited (C-71118) kienu gew rizolti, u allura l-procediment seta' jithalla ghall-provvediment.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta' Malta, u li permezz taghha, ir-rikorrent, li huwa azzjonist u sid aħħari tas-soċjeta' Endure Limited, ighid illi kien beda' process biex jirregolarizza l-pozizzjoni tal-kumpanniija mar-Registratur intimata u rcieva ittra datata 7 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha gie avzat illi s-soċjeta' msemmija kienet naqset milli tirreġistra dokumenti oħra rilevanti u għalhekk ma setgħetx tigi reġistrata l-annual return li kien issottometta.

Jghid illi trammite l-kumpanija Fairwinds Management Limited, daħal f'komunikazzjoni mar-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex iħallas l-ammont ta' penali dovuti b'mod sħiħ u jissottometti kwalkunkwe dokumenti nieqsa fir-rigward tas-soċjeta' Endure Limited u ddikjara illi huwa kien dispost li jieħu kwalunkwe azzjoni meħtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni.

Jsostni Illi jekk is-soċjeta' Endure Limited ma terġax titqiegħed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, huwa kien ser isofri danni irreparabbli minhabba l-pregudizzju serju u irremedjabbli fl-operat tas-soċjeta' de quo.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi taghha mar-Registratur, tant illi l-ahhar prospett annwali sottomess kien dak tas-sena 2016, u l-kumpannija kellha lanjanzi ohra u penali x'jithallsu. Jghid illi ghalhekk kellu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi biex sar dan.

## Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena citat.

M'hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija Endure Limited (C-71118) giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Id-dokumenti ppresentati mar-rikors jitkellmu wahedhom u ma jirrizultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irrizultaw.

Il-Qorti pero`, kif taghmel dejjem f'cirkostanzi bhal dawn u qabel ma tghaddi ghall-provvediment, tqis id-disponibilita' tar-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpannija mar-Registratur. F'dan il-kaz, ir-rikorrent zamm kelmtu u l-promessa maghmula fl-ewwel seduta u ukoll fir-

rikors promotur, u fit-tieni seduta, il-Qorti giet mgharrfa illi l-pendenzi kollha kienu gew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet ghalhekk, il-Qorti giet mistiedna tghaddi ghall-provvediment.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Endure Limited (C-71118)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Endure Limited (C-71118)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Endure Limited (C-71118)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti noe.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |